

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

13.12.2006

B6-0647/2006 }  
B6-0651/2006 }  
B6-0655/2006 }  
B6-0657/2006 }  
B6-0658/2006 }  
B6-0661/2006 } RC1

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Geoffrey Van Orden, Thomas Mann, Bernd Posselt, Charles Tannock u Simon Coveney, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Pasqualina Napoletano, Glenys Kinnock u Marc Tarabella, f'isem il-Grupp PSE
- Frédérique Ries u Marios Matsakis, f'isem il-Grupp ALDE
- Raül Romeva i Rueda, f'isem il-Grupp Verts/ALE
- Vittorio Agnoletto u Luisa Morgantini, f'isem il-Grupp GUE/NGL
- Gintaras Didžiokas, f'isem il-Grupp UEN

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- PPE-DE (B6-0647/2006)
- GUE/NGL (B6-0651/2006)
- PSE (B6-0655/2006)
- ALDE (B6-0657/2006)
- UEN (B6-0658/2006)
- Verts/ALE (B6-0661/2006)

dwar is-sitwazzjoni fil-Burma

RC\645108MT.doc

PE v01-00}  
PE 382.912v01-00}  
PE 382.916v01-00}  
PE 382.918v01-00}  
PE 382.919v01-00}  
PE 382.922v01-00} RC1

MT

MT

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Burma

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU Pinheiro dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Burma, tal-21 ta' Settembru 2006,
  - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-15 ta' Settembru 2006 biex Burma titqiegħed fl-aġenda formali tiegħu, dwar iż-żjara fil-Burma tas-SottoSegretarju Ġenerali tan-NU għall-Affarijiet Poliċi Ibrahīm Gambari mid-9 sat-12 ta' Novembru 2006 u l-laqgħa sussegwenti tiegħu tal-Kunsill tas-Sigurtà,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Burma, b'mod partikolari dak tas-17 ta' Novembru 2005,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 817/2006 tad-29 ta' Mejju 2006 li jgħedded il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni taċ-Chairman tas-Sitt Laqgħa Ażja-Ewropa (ASEM) li saret fil-Finlandja bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2006,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura,
- A. billi l-Kunsill ta' l-Istat għall-Paċi u l-Iżvilupp (SPDC) jkompli jgħaddi lin-nies tal-Burma minn abbużi tad-drittijiet tal-bniedem tal-biża', bħal ma huma xogħol furzat, persekuzzjoni tad-dissidenti, lieva għal suldati tfal u rilokazzjonijiet forzati,
- B. billi l-Konvenzjoni Nazzjonali, li ltaqgħet għall-ewwel darba fl-1993 biex tfassal kostituzzjoni u li ġiet sospiża ħafna drabi minn dak inhar, tkomplet fl-10 ta' Ottubru 2006 imma din xorta għadha nieqsa minn kull kredibilità minħabba l-assenza ta' rappreżentanti eletti b'mod demokratiku, b'mod speċjali l-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija (NLD), kif ukoll il-gruppi etniċi,
- C. billi l-mexxejja ta' l-NLD, ir-rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi u r-rebbieħa tal-Premju Sakharov Aung San Suu Kyi qattgħet 10 mill-aħħar 16-il sena arrestata f'darha, miżura illegali li l-ġunta militari testendi kull sena,
- D. billi l-ġirien tal-Burma għandhom bżonn jieħdu pożizzjoni iżjed b'saħħitha kontra l-abbużi tar-reġim militari f'dak il-pajjiż, u jitolbu lill-Burma ttejjeb is-sitwazzjoni tagħha tad-drittijiet tal-bniedem u taċċetta d-demokrazija,
- E. billi iżjed minn 30% tat-tfal taħt il-ħames snin isofru minħabba ikel mhux sustanzjuż, ir-rati tal-mortalità għall-malarja u t-tuberkolożi għandhom għoljin ħafna, l-epidemija ta' l-HIV/AIDS infirxet mal-popolazzjoni in ġenerali u kważi nofs it-tfal bl-età li jmorru l-iskola qatt ma jmorru,

RC\645108MT.doc

PE v01-00}  
PE 382.912v01-00}  
PE 382.916v01-00}  
PE 382.918v01-00}  
PE 382.919v01-00}  
PE 382.922v01-00} RC1

- F. Billi l-Gvern tal-Burma ordna riċentament lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (ICRC) biex jagħlaq il-ħames uffiċċji fuq il-post fil-pajjiż, b'hekk jagħmilha impossibbli għall-organizzazzjoni biex tkompli toffri l-parti l-kbira ta' l-ghajjnuna tagħha u x-xogħol ta' protezzjoni li minnu jgawdu ċ-ċivili li jgħixu f'kundizzjonijiet diffiċli f'żoni tal-fruntieri,
- G. billi, skond ir-Rapport Internazzjonali ta' Strateġija għall-Kontroll tan-Narkotiċi ta' l-2006, il-Burma hija t-tieni l-akbar produttur fid-dinja ta' opju illeċitu, li jipproduċi iżjed minn disgħin fil-mija ta' l-eroina tax-Xlokk ta' l-Ażja,
1. Jikkundanna lill-SPDC għas-soppressjoni bla ħniena tan-nies tal-Burma għal aktar minn 40 sena u n-nuqqas totali tiegħu biex jagħmel pass sinifikanti lejn id-demokrazija;
  2. Jirrifjuta li jirrikonoxxi l-leġittimità ta' kull proposta kostituzzjonali magħmula mill-Konvenzjoni Nazzjonali sakemm ma tkunx tinkludi lill-NLD u partiti politiċi oħra; ihegġegħ lill-Konvenzjoni Nazzjonali biex tippreżenta pjan direzzjonali lejn demokrazija li ġenwinament tirrifletti x-xewqat tan-nies tal-Burma minflok ma tiġi kkonsolidata il-ħakma militari fuq is-setgħa;
  3. Jitlob il-ħelsien immedjat u bla kundizzjonijiet ta' Aung San Suu Kyi u l-prigjinieri politiċi kollha – '1 fuq minn 1 100 – miżmuma mill-SPDC;
  4. Jiddeplora l-għeluq riċenti mill-SPDC ta' ħames uffiċċji tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (f'Mandalay, f'Mawlamyine, f'Hpa-an, f'Taunggyi u f'Kyaing Tong), li b'mod effettiv għamilha impossibbli għall-organizzazzjoni biex twettaq ix-xogħol umanitarju tagħha, u miżuri oħra maħsuba biex jintimidaw lill-NGOs li joffru għajjnuna umanitarja; jistieden lill-SPDC biex iħalli lil dawn l-organizzazzjonijiet joperaw mingħajr interferenza u restrizzjonijiet;
  5. Jikkundanna bil-qawwi t-trażżin brutali tar-reġim ta' bosta gruppi etniċi, inkluż il-Karen fil-lvant ta' Burma, li wassal għal sofferenza fuq skala kbira u spostament intern, b'xi 82,000 ruħ imgēgħla jħallu djarhom fil-lvant tal-Burma fl-2006, li żiedu n-numru ta' nies spostjati internament fil-Burma għal madwar 500,000;
  6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-missjoni għat-tiftix ta' fatti fil-Burma mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Malażjan, Syed Hamid Albar, bħala riżultat tal-pożizzjoni meħuda fis-sena ta' qabel mill-ħdax is-samit ta' ASEAN, u jemmen li issa dan ser jirriżulta f' miżuri aktar iebsa min-nazzjonijiet ta' ASEAN kontra l-ġunta militari fil-Burma;
  7. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol li tressaq il-ħsibijiet tagħha dwar l-użu ta' min jistmerru min-naħa ta' l-SPDC tax-xogħol sfurzat quddiem il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, u jittama li din l-azzjoni aktar iebsa tinstiga lill-SPDC biex iwaqqaf din il-prattika;
  8. Jirrikonoxxi li s-sanzjonijiet fil-mira ta' l-UE ma ffukawx fuq oqsma ekonomiċi biex jilhq u l-impatt mixtieq fuq dawk direttament responsabbli għas-sofferenza tan-nies tal-Burma;

Jistieden lill-Kunsill biex jiżgura li l-Istati Membri kollha b' mod riġoruż japplikaw miżuri restrittivi eżistenti;

9. Jistieden lil Kunsill iwessa' l-iskop tas-sanzjonijiet u jkabbar il-lista ta' dawk fil-mira, sabiex tinkludi wkoll il-ministri kollha SPDC, id-deputati, l-membri, is-sapporters u l-ħaddiema, flimkien mal-membri tal-familja tagħhom, in-negożjanti u individwi prominenti oħra assoċjati mar-reġim;
10. Iħeġġeġ liċ-Ċina, lill-Indja u lill-pajjiżi l-oħra sabiex ma jkomplux jipprovdu armi u appoġġ ieħor għal ġunta militari u sabiex jingħaqdu mal-komunità internazzjonali fl-isforzi tagħha sabiex ikun hemm tibdiliet għall-aħjar f'Burma;
11. Jilqa' d-deċiżjoni tal-prosekuturi tal-Korea ta' Isfel li akkużaw erbatax-il persuna, li jaħdmu ma' seba' kumpaniji Sud Koreani, minħabba li allegatament provdew teknoloġija u tagħmir ieħor li jgħin lir-reġim ta' Burma jibni fabbriki ta' l-armi f'Pyay, iċ-Ċentru ta' Burma;
12. Jilqa' l-ftuħ reċenti tan-NU ta' l-ewwel mis-seba' ċentri ta' għajjnuna legali, li jinsabu fil-kamp ta' Ban Mae Nai Soi fit-Tajlandja tal-Majjistral, għal refuġjati mill-Burma li jgħixu fil-pajjiż ġar tat-Tajlandja, u jistenna li ma jdumx ma jkun hemm miżuri addizzjonali b'saħħithom tan-NU kontra l-SPDC;
13. Jinsisti li kull għajjnuna mmirata għal Burma trid tingħata permezz ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ġenwini u trid tilħaq lin-nies għal min hija intenzjonata, bl-inqas indħil possibbli ta' l-SPDC;
14. Jitlob lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jivvota favur riżoluzzjoni li torbot favur ir-restawr tad-demokrazija fil-Burma u l-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha, inkluża Aung San Suu Kyi;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-gvernijiet tan-nazzjonijiet ASEAN, lil-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija, lill-Kunsill ta' l-Istat għall-Paċi u l-Iżvilupp u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.